**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Ħamis, 15 ta' Mejju 2025**

**Kawża Numru: 2**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1335/2024 JVC**

**Ahmed Elyotsef (K.I. 598522L) u Gzala Albuseefi (K.I. 0103467A) f'isimhom proprju u għan-nom tal-minuri wliedhom Omar Al Yotsef (K.I. 393212L), Alesar Alyotsef (K.I. 215216L), Siba Al Yotsef (K.I. 30709L) u Hussein Al Yotsef (K.I. 2111L)**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti premettew u talbu kif isegwi:

1. 'Illi Ahmed Elyotsef oriġinarjament twieled f'Khan Cebil fis-Sirja nhar il-25 ta' Frar 1973, u dan skont il-kopja legali taċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu mis-Sirja u t-traduzzjoni għal-lingwa Ingliża tal-istess, kif provduta lir-Reġistru Pubbliku wara li huwa ottjena ċ-ċittadinanza Maltija kif hawn taħt spjegat, hawn annessa bħala **Dok. A1**.

2. Illi huwa ilu jgħix hawn Malta sa mis-sena 2001.

3. Illi nhar id-9 ta' Settembru 2022, Ahmed Elyotsef akkwista ċ-ċittadinanza Maltija u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat ta' ċittadinanza anness u mmarkat bħala **Dok. A2**.

4. Illi fiċ-ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija, ismu ġie indikat bħala 'Ahmed Shadod Elyotsef'.

5. Illi kunjom ir-rikorrent Ahmed Elyotsef ġie indikat bħala 'Elyotsef' fiċ-ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija, stante li r-Reġistru Pubbliku uża t-traduzzjoni mmarkata bħala Dok. A1, liema traduzzjoni oriġinali kienet inżammet mill-istess Reġistru Pubbliku.

6. Illi sussegwentement, fl-istess sena, Ahmed Elyotsef inħariġlu ċertifikat tat-twelid ta' Malta bin-numru progressiv 5985/22, u f'tali ċertifikat fil-kolonna '*name or names by which the child is to be called and surname*', ġie indikat bħala 'AHMED ELYOTSEF', għaliex għal darb'oħra, intużat l-istess traduzzjoni taċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu Sirjan, filwaqt li isem missieru ġie indikat bħala 'SHADOD ELYOTSEF'. Iċ-ċertifikat sħiħ tat-twelid Malti qed jiġi anness u mmarkat bħala **Dok. A3**.

7. Illi pero', l-esponenti Ahmed Elyotsef jikkonferma bil-ġurament tiegħu illi kunjomu kif indikat fiċ-ċertifikat tat-twelid oriġinali tiegħu bil-lingwa t'hemm, hu proprju dak ta' 'Alyosef' u mhux 'Elyotsef'. Dan il-fatt jista' jirriżulta wkoll minn dokumenti oħrajn li huwa kellu mas-snin, fosthom il-karta tal-identita' Sirjana. Fil-fatt, fit-traduzzjoni tal-karta tal-identita' tas-Sirja, u anke fil-*consular information registration form*, kunjom Ahmed huwa korrettement indikat bħala 'Alyosef'. Kopja ta' dawn it-traduzzjonijiet qed tiġi annessa kollettivament bħala **Dok. A4**.

8. Illi f'dan ir-rigward, l-esponent jindika li huwa ma għandu ebda oġġezzjoni sabiex din l-Onorabbli Qorti tinnomina traduttur espert a spejjeż tiegħu jekk ikun il-bżonn, sabiex l-istess espert jikkonferma dan kollu billi jagħmel traduzzjoni taċ-ċertifikat tat-twelid Sirjan tiegħu għal dan l-iskop.

9. Illi fil-passaport Malti tar-rikorrenti Ahmed Elyotsef, huwa indikat bħala 'Ahmed Elyotsef'. Kopja annessa u mmarkata bħala **Dok. A5a**. Fil-karta tal-identita' Maltija huwa wkoll indikat bħala 'Ahmed Elyotsef'. Kopja annessa u mmarkata bħala **Dok. A5b**. B'hekk id-dokumenti Maltin kollha ta' Ahmed Elyotsef fihom kunjom ir-rikorrenti Ahmed miktubin bl-istess mod u dan abbażi tal-istess traduzzjoni taċ-ċertifikat tat-twelid tas-Sirja, mis-Sirjan għall-Ingliż.

10. Illi Ahmed Elyotsef kien miżżewweġ lil Vanessa Grech, u dawn iżżewwġu nhar it-3 ta' Lulju 2001. Fuq iċ-ċertifikat taż-żwieġ taħt '*particulars of the husband*', huwa indikat bħala 'Ahmed Alyotsef' Kopja sħiħa taċ-ċertifikat taż-żwieġ b' MR No. 978/2001 qed tiġi annessa u mmarkata bħala **Dok. A6**.

11. Illi Vanessa Grech ġiet nieqsa nhar f'Novembru 2001 u fiċ-ċertifikat tal-mewt, isem Ahmed Elytosef, fil-kolonna '*jekk għażeb/xebba miżżewweġ/miżżewwġa armel/armla*', huwa indikat bħala 'Ahmed Alyotsef'. Kopja sħiħa taċ-ċertifikat tal-mewt

ta' Vanessa Grech bin-numru progressiv 2545/2001, qed tiġi annessa u mmarkata bħala **Dok. A7**.

12. Illi r-rikorrenti Ahmed Elyotsef u Gzala Albuseefi jinsabu f'relazzjoni flimkien, u miżżewwġin bil-Moskea. Mir-relazzjoni tagħhom twieldu erbat itfal, illum minuri. L-iżball fil-kunjom tal-missier, Ahmed 'Elyotsef' jinsab ukoll fiċ-ċertifikat ta' Malta tat-twelid tal-minuri wliedhom, u sussegwentement, il-minuri għandhom ukoll kunjomhom indikat ħażin fiċ-ċertifikati rispettivi.

13. Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' Malta tal-minuri Siba Al Yotsef, bin-numru progressiv 307/2009, Ahmed Elyotsef bħala l-missier għandu kunjomu indikat bħala 'Al Yotsef' u kunjom bintu huwa mniżżel bħala 'Al Yotsef'. Kopja sħiħa taċ-ċertifikat tat-twelid tagħha qed tiġi annessa u mmarkata bħala **Dok. A8**.

14. Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' Malta tal-minuri Hussein Al Yotsef, bin-numru progressiv 21/2011, Ahmed Elyotsef bħala l-missier għandu kunjomu indikat bħala 'Al Yotsef' u kunjom ibnu huwa mniżżel ukoll bħala 'Al Yotsef'. Kopja sħiħa taċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu qed tiġi annessa u mmarkata bħala **Dok. A9**.

15. Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri, Omar Al Yotsef, bin-numru progressiv 3932/2012, Ahmed Elyotsef bħala l-missier għandu kunjomu indikat bħala 'Al Yotsef' u kunjom il-minuri huwa wkoll mniżżel bħala 'Al Yotsef'. Kopja sħiħa taċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu qed tiġi annessa u mmarkata bħala **Dok. A10**.

16. Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' Malta tal-minuri, Alesar Alyotsef, bin-numru progressiv 2152/2016, Ahmed Elyotsef bħala l-missier għandu kunjomu indikat bħala 'Alyotsef' u

kunjom bintu huwa mniżżel ukoll bħala 'Alyotsef'. Kopja sħiħa taċ-ċertifikat tat-twelid tagħha qed tiġi annessa u mmarkata bħala **Dok. A11.**

17. Illi l-kunjom korrett tal-esponenti, kif jista' jiġi ppruvat tul din il-kawża, inkluż ukoll mill-espert li din il-Qorti jista' jogħġobha taħtar, huwa 'Alyosef' u mhux kif indikat preżentement fiċ-ċertifikat tat-twelid, fiċ-ċertifikat taż-żwieġ, fiċ-ċertifikat tal-mewt ta' martu Vanessa Grech u fiċ-ċertifikati tat-twelid tal-erba' uliedu, li essenzjalment għalkemm miktub b'mod li jista' jiġi pronunzjat l-istess jew simili ħafna, mhux miktub bil-mod korrett.

18. Illi kif jirriżulta minn dak hawn fuq spjegat, huwa probabli li dan l-iżball fil-kitba tal-kunjom ikun sar bħala żball ortografiku fit-traduzzjoni taċ-ċertifikat tat-twelid Sirjan ta' Ahmed Elyotsef, għal-lingwa Ingliża u minħabba li kienet din it-traduzzjoni li baqgħet tintuża mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, konsegwentement, l-istess kunjom indikat b'mod żbaljat baqa' jiġi rifless f'atti ċivili u dokumenti uffiċjali oħrajn tar-rikorrent Ahmed Elyotsef.

19. Illi t-tibdil fil-kunjom għal dak korrett mhux ser joħloq xi effetti negattivi jew konsegwenzi għal terzi persuni, iżda ser jwassal biex tinħoloq uniformita' fid-dokumenti kollha tal-esponenti u sussegwentement, f'ta' wliedu wkoll biex dawn ikunu jirriflettu l-kunjom miktub korrettement.

**Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex in vista ta' dak hawn fuq premess, u wara li ċ-ċertifikat tat-twelid Sirjan ta' Ahmed Elyotsef jiġi tradott b'mod uffiċjali minn traduttur li jista' jiġi maħtur minn din l-Onorabbli Qorti stess jekk ikun il-każ għall-iskopijiet hawn fuq imsemmija, din il-Qorti tordna ai termini tal-Artikolu 253 *et seq* tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex;**

1. Tiddikjara li hemm żball fl-att tat-twelid ta' Ahmed Elyotsef, bin-numru progressiv 5985/2022 fis-sezzjoni '*isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejjħa u l-kunjom*', billi l-kunjom huwa indikat bħala 'Elyotsef' iżda għandu jkun '**Alyosef'**.

2. Tordna li kunjom Ahmed Elyotsef jiġi korrett fl-att tat-twelid bin-numru progressiv 5985/2022, biex fis-sezzjoni '*isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejjħa u l-kunjom*', minflok 'Alyotsef' il-kunjom jiġi imniżżel '**Alyosef'**.

3. Tordna li kunjom Ahmed Elyotsef jigi korrett fl-att taż-żwieġ bin-numru progressiv 1017/2001, biex taħt '*particulars of the husband*' u fejn hemm indikat '*firma tar-raġel*' minflok 'Alyotsef' kunjomu jiġi imniżżel '**Alyosef'**.

4. Tordna li dan it-tibdil fil-kunjom tar-rikorrenti Ahmed Elyotsef jigi rifless ukoll fiċ-ċertifikat tal-mewt bin-numru progressiv 2545/2001 ta' martu Vanessa Grech, billi fil-kolonna '*jekk għażeb/xebba miżżewweġ/miżżewwġa armel/armla*' kunjom Ahmed Elyotsef jinbidel ukoll minn 'Elyotsef' għal '**Alyosef'**.

3. Tordna li dan it-tibdil fil-kunjom ta' Ahmed Elyotsef jiġi rifless ukoll fl-atti tat-twelid tal-erba' minuri wliedu kif hawn taħt indikati, partikolarment fis-sezzjoni '*tagħrif fuq isem u kunjom*' '*missier it-tarbija*' biex kunjom Ahmed Elyotsef ikun mniżżel korrettement bħala 'Alyosef' u kif ukoll biex fis-sezzjoni '*tagħrif fuq it-tarbija*' '*isem jew ismijiet kif għandha tissejjaħ u l-kunjom*' l-erba' minuri kollha jkunu lkoll korrettement imniżżlin bħala kunjomhom '**Alyosef'** u dan fis-segwenti atti tat-twelid tal-minuri;

a. fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' Malta tal-minuri Siba Al Yotsef, bin-numru progressiv 307/2009,
b. fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' Malta tal-minuri Hussein Al Yotsef, bin-numru progressiv 21/2011;
c. fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' Malta tal-minuri, Alesar Alyotsef, bin-numru progressiv 2152/2016 u
d. fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri, Omar Al Yotsef, bin-numru progressiv 3932/2012.

4. Tordna u tippermetti lill-Awtoritajiet jew Dipartimenti kompetenti li jikkoreġu d-dettalji tar-rikorrent Ahmed Elyotsef skont kif hawn fuq mitlub fuq l-atti tal-istat Ċivili tiegħu u kif ukoll fuq dawk tal-erba' uliedu.

5. Tordna, li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

U dan skont dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti għandha tikkonferma jekk saritx pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent Direttur irressaq is-segwenti eċċezzjonijiet mingħajr preġudizzju għal xulxin;

3. Illi fl-ewwel lok, l-esponent m'huwiex edott mill-fatti kif ġew dikjarati fir-rikors promotur. Madanakollu, mill-atti u dokumentazzjoni fil-poteri tiegħu jirriżulta s-segwenti;

4. Illi minn dak li jirriżulta *ictu oculi*, skont l-Att tat-Twelid bin-numru progressiv **5985/2022,** jidher illi l-attur **'Ahmed Elyotsef'** twieled ġewwa s-Sirja nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Frar 1973 u ingħata l-isem '**Ahmed'** u l-kunjom '**Elyotsef'**. Tali Att tat-Twelid ġie reġistrat skont l-Artikolu 244 tal-Kodiċi Ċivili fejn l-esponent Direttur tar-Registru Pubbliku kien obbligat jirreplika l-partikolaritajiet indikati fuq l-Att tat-Twelid esteru u t-traduzzjoni tiegħu għal-lingwa Ingliża *ad verbatim,* u għaldaqstant ċertament ma jistax jingħad li sar xi żball mill-esponent Direttur meta ġie reġistrat l-Att tat-Twelid suċitat;

5. Illi għal kuntrarju ta' dak imniżżel fuq l-Att tat-Twelid, l-attur ġie indikat bil-kunjom **'Alyotsef'** fuq l-Att taż-Żwieġ bin-numru progressiv **1017/2001,** fuq l-Att tal-Mewt tas-Sinjura 'Vanessa Grech' bin-numru progressiv **2545/2001,** fuq l-Att tat-Twelid ta' bintu 'Alesar' bin-numru progressiv **2152/2016**. Dawn l-Atti ġew reġistrati mill-esponent skont id-dikjarazzjonijiet magħmula mill-atturi, u skont id-dokumentazzjoni maħruġa mill-Ufficju tal-Kummissarju ghar-Refugjati, illum magħruf bħala Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali, bin-numru **14591/2013** fil-każ tal-Att tat-Twelid tal-minuri **'Alesar'**;

6. Illi l-attur ġie ndikat bil-kunjom **'Al Yotsef'** fuq l-Atti tat-Twelid ta' wliedu **'Siba'**, **'Hussein'** u **'Omar'** bin-numri progressivi **307/2009, 21/2011 u 3932/2012** rispettivament u dan skont ma ġie dikjarat miż-żewġ ġenituri, ċioe' l-attur u martu, meta ġew reġistrati l-Atti tat-Twelid, kif ukoll skont id-dokument t'identifikazzjoni muri fl-istess mument ta' reġistrazzjoni;

7. Illi l-attur qiegħed jisħaq li għal kuntrarju ta' dak indikat fuq l-Atti ta' Stat Ċivili indikati, huwa magħruf bil-kunjom **'Alyosef'**;

8. Illi in kwantu għat-talbiet magħmula mill-atturi, u l-mertu tal-kawża odjerna, fl-interess tal-ġudizzju l-atturi għandhom jippreżentaw kjarifika minn Ambaxxata Sirjana sabiex ikun ben spjegat kif kunjom l-attur 'Ahmed Elyotsef' ġie ndikat bħala 'Elyotsef', 'Al Yotsef', u 'Alyotsef'. Sussegwentement għandha tinġieb konferma li l-verżjoni korretta tal-kunjom hija 'Alyosef' sabiex din l-Onorabbli Qorti tkun f'pożizzjoni li tikkonferma li l-verżjonijiet tal-kunjom suċitati, kollha jirreferu għall-istess persuna, u ma jkunx hemm ir-riskju li tinħoloq identità doppja;

9. Illi l-atturi għandhom iġibu prova illi kwalunkwe traduzzjoni prodotta minnhom fil-mument tar-reġistrazzjoni tal-Atti ta' Stat Ċivili in kwistjoni, fiha żball ortagrafiku kif indikat fir-rikors promotur, u dan sabiex din l-Onorabbli Qorti tkun f'pożizzjoni li taċċerta ruħha illi dan l-iżball huwa ortagrafiku;

10. Illi l-atturi għandhom jieħdu l-passi meħtieġa wkoll sabiex kunjom l-attur jigi korrett għal **'Alyosef'** mal-Agenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali, stante li mal-Att tat-Twelid tal-minuri **'Alesar'** bin-numru **2152/2016**, l-attur gie ndikat bil-kunjom 'Alyotsef' abbażi tal-applikazzjoni tiegħu għall-azil bin-numru **14591/13**;

11. Illi għal kull *buon fini*, l-atturi ghandhom jippreżentaw ukoll il-passaport preżenti Sirjan tagħhom, *ai fini* ta' korrettezza u integrita' tal-ġudizzju;

12. Illi fir-rigward **tat-tielet talba**, għandu jkun hemm korrezzjoni stante illi n-numru progressiv korrett huwa **1017/2001 u mhux 978/2001**, u di piu' fuq l-istess Att taż-Żwieġ, kunjom ir-raġel huwa ndikat bħala **'Alyotsef'** u mhux bhala **'Elyotsef'**;

13. Illi fir-rigward **tar-raba' talba**, għandu jkun hemm korrezzjoni stante illi fuq l-Att tal-Mewt bin-numru progressiv **2545/2001,** kunjom ir-raġel, ċioe' l-attur huwa ndikat bħala **'Alyotsef'** u mhux bhala **'Elyotsef'**;
14. Illi fir-rigward **tas-sitt talba**, għandu jiġi speċifikat illi l-esponent Direttur tar-Reġistru Pubbliku jista' jagħmel korrezzjonijiet biss fuq Atti ta' Stat Ċivili fil-poter tiegħu;
15. Illi finalment, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ u kif spjegat aktar qabel, l-azzjoni tal-atturi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas tal-esponent u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;
16. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont l-liġi;

Bl-ispejjeż kontra l-atturi li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 21 tal-proċess b'dana li t-tieni eċċezzjoni tad-Direttur intimat ġiet sorvolata.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors ġuramentat tar-rikorrent kif ukoll partikolarment rat in-nota preżentata waqt ix-xhieda llum stess tar-rikorrent illi effettivament turi illi lura f'pajjiżu r-rikorrent għandu l-kunjom "Alyosef" u mhux kif jidher fid-dokumentazzjoni Maltija.

Illi wara li fliet id-dokumentazzjoni kollha fl-atti u semghet ix-xhieda tar-rikorrent, din il-Qorti tqis illi t-talbibet tar-rikorrenti huma gustifikati  anki sabiex l-identita tieghu u tal-familja tieghu tkun certa, ser tgħaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti kif dedotta;

2. Tilqa' t-tieni talba kif dedotta;

3. Tilqa' t-tielet talba kif korretta;

4. Tilqa' r-raba' kif korretta;

5. Tilqa' l-ħames talba kif dedotta;

6. Tilqa' s-sitt talba limitatament għall-atti fil-poter tad-Direttur intimat;

7. Tilqa' s-seba' talba u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**8.** Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**15 ta' Mejju 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**15 ta' Mejju 2025**